

## Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Awla tal-Bord tal-Appell tal-Ufficiju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny) (UASI) tat-18 ta' Lulju 2008 (Każ R 759/2007-4) hija annullata għal-dak li jirrigwarda l-prodotti "lampi li jaħdmu bil-kurrent elettriku, tagħmir u installazzjoniet elettriċi, tagħmir elettriku ta'" effetti teatrali, lampi tal-elettriku u partijet tal-prodotti msemmija li jaqgħu fil-klassi 11.*
- (2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 327, 20.12.2008.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2011 — Gutknecht vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-561/08) (<sup>1</sup>)

**("Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Spezzjonijiet sanitari — Prodotti bijoċidali — Inventarju tas-sustanzi attivi fis-suq — Adozzjoni ta' regolamenti mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 98/8/KE — Rabta kawżali")**

(2011/C 347/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Jürgen Gutknecht (Kirchheimbolanden, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u G. Wilms, aġenti)

### Suġġett

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu mgħarrab, principally, bl-adozzjoni allegatament illegali mill-Kummissjoni ta' varji regolamenti skont id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 3, Vol. 23, p. 3); jew, sussidjarjament, bl-allegat nuqqas tal-Kummissjoni li tieħu l-miżuri neċċessarji biex tipproteġi d-dritt għall-protezzjoni tal-informazzjoni pprovduta skont l-imsemmija direttiva.

## Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud
- (2) Jürgen Gutknecht huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 55, 07.03.2009.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ottubru 2011 — NEC Display Solutions Europe vs UASI — Nokia (NaViKey)

(Kawża T-393/09) (<sup>1</sup>)

**("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Talba għat-trade mark Komunitarja verbali NaViKey — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti NAVI — Raġuni relativa għal rijfut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009")**

(2011/C 347/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: NEC Display Solutions Europe GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Munzinger, avukat)

Konvenut: L-Ufficiju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny) (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Nokia Corp. (Espoo, il-Finlandja) (rappreżentant: J. Tanhuapää, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1143/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nokia Corp. u NEC Display Solutions Europe GmbH.

## Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) NEC Display Solutions Europe GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 297, 05.12.2009.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2011 — Purvis vs Il-Parlament

(Kawża T-439/09) (<sup>1</sup>)

**("Regoli dwar il-ħlas tal-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew — Skema ta' pensjoni addizzjonali — Rifjut li parti mill-benefiċċju ta' pensjoni addizzjonali volontarja tingħata fil-forma ta' kapital — Eċċezzjoni ta' illegalità — Drittijiet miksuba — Aspettativi leġittimi — Proporzjonalità")**

(2011/C 347/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: John Robert Purvis (Saint-Andrews, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment H. Krück, A. Pospíšilová Padowska u G. Corstens, sussegwentement N. Lorenz, A. Pospíšilová Padowska u G. Corstens, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tas-7 ta' Awwissu 2009, li tirrifjuta li r-rikorrent jingħata parti mill-benefiċċju tal-pensjoni addizzjonali volontarja tiegħu fil-forma ta' kapital.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) John Robert Purvis huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 11, 16.01.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2011 — Reisenthal vs UASI — Dynamic Promotion (kaxxi li jistgħu jitqiegħdu fuq xulxin u basktijiet)**

(Kawża T-53/10) (<sup>1</sup>)

(“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Ċaħda tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni — Notifikazzjoni tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni permezz ta’ faks — Appell quddiem il-Bord tal-Appell — Nota li tispjega l-aggravji tal-appell — Terminu għal preżentata — Ammissibbiltà tal-appell — Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Rettifika ta’ deċiżjoni — Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 2245/2002 — Prinċipju ġenerali ta’ dritt li jawtorizza l-irtirar ta’ deċiżjoni illegali”)

(2011/C 347/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Peter Reisenthal (Gilching, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Aliki Busse, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn S. Schäffner, sussegwentement minn R. Manea u G. Schneider, bħala aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Dynamic Promotion Co. Ltd (Bangkok, it-Tajlandja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat, minn naħa, kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Novembru 2009, kif irrettifikata bid-deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2009 (Każ R 621/2009-3), u, min-naħħa l-oħra, kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Marzu 2010 (Każ R 621/2009-3), dwar talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Peter Reisenthal u Dynamic Promotion Co. Ltd.

### Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern Trade marks u Disinni) (UASI) tat-22 ta' Marzu 2010 (Każ R 621/2009-3) hija annullata sa fejn tirrig-warda t-talba għal rettifika ta’ Peter Reisenthal tat-23 ta' Diċembru 2009.

(2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

(3) Kull parti għandha tbat i-spejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 100, 17.04.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2011 — Chestnut Medical Technologies vs UASI (PIPELINE)**

(Kawża T-87/10) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PIPELINE — Raġuni assoluta għal rifut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2011/C 347/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Chestnut Medical Technologies, Inc. (Menlo Park, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: H.P. Kunz-Hallstein u R. Kunz-Hallstein, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta' Diċembru 2009 (Każ R 968/2009-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali PIPELINE bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Chestnut Medical Technologies, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 100, 17.04.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2011 — P vs Il-Parlament**

(Kawża T-213/10 P) (<sup>1</sup>)

(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-personal temporanju — Tkeċċija — Telf ta’ fiduċja — Motivazzjoni — Żnaturament tal-provi”)

(2011/C 347/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Appellant: P (Brussels, il-Belġju) (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)